

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/426 tal-25 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 591 tal-25 ta' Frar 2023)

(1) Fil-paġna 2, il-punt (2), fil-kliem introdutturju tal-Artikolu 6b, il-paragrafu 5a,

minflok: “5a. B'deroga mill-Artikolu 2, il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid għaddispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li:”

aqra: “5a. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li:”

(2) Fil-paġna 3, il-punt (2), l-Artikolu 6b, il-paragrafu 5b,

minflok: “5b. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2, il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 190 taħt l-intestatura ‘Entitajiet’ fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għal dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-26 ta' Awwissu 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma'dik l-entità jew inkella li jinvolvuha qabel il-25 ta' Frar 2023.”;

aqra: “5b. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 190 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għal dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-26 ta' Awwissu 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma' dik l-entità jew inkella li jinvolvuha qabel il-25 ta' Frar 2023.”;
